BIRGU
Città Vittoriosa

# Kunsill Lokali Birgu

**Head Office -** Couvre Porte - Birgu BRG 1810 Tel : 21662166   Fax : 21662266
e.mail : **birgu.lc@gov.mt**   website : **www.birgu.gov.mt**

9 t'April, 2012

## Minuti tal-Laqgha Numru 01 (06)

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu iltaqa' għal-laqgħa numru 1(06) fl-Uffiċini Amministrattivi tal-Kunsill fil-Berga ta' Franza nhar l-Erbgha 4 t'April 2012 fi 6:00 ta' filgħaxija.

**Prezenti**

Is-Sur John Boxall – Kunsillier, is-Sur Trevor Mizzi – Kunsillier, is-Sur Anthony Gellel– Kunsillier, is-Sur Alan Cassar – Kunsillier u s-Sinjur Lawrence Attard – Kunsillier.

Peress li din kienet l-ewwel laqgħa tas-sitt Kunsill ippreseda s-Sur Lawrence Attard peress li s-sur Attard uwa l-iktar persuna anżjana fil-Kunsill.

**Talba**

Is-Sur Lawrence Attard qal it-talba u tah bidu għal-laqgħa.

1. **Hatra tas-Sindku**

Il-Kunsillier Lawrence Attard talab lis-sur John Boxall jekk hu ma jaċċettax l-kariga ta' Sindku, peress li skond il-liġi tal-Kunsilli Lokali, l-Kunsillier elett li, fl-aħħar elezzjoni lokali kiseb l-ogħla għadd ta' voti ma' l-ewwel għadd min fost il-kandidati tal-partit politiku li kiseb l-maggoranza assoluta ta' kunsillieri u li f'ismu ikun ikkontesta, ikun elett Sindku.

Is-Sur John Boxall aċċetta din il-kariga u qara l-aċċettazzjoni tal-kariga tiegħu bħala Sindku tal-Kunsill Lokali tal-Birgu.

Hawnhekk, il-Kunsillier Lawrence Attard filwaqt li ferah lis-sur John Boxall, awgura lil dan il-Kunsill biex l-Kunsilliera prezenti jahdmu flimkien ghal gid tal-komunita. Il-Kunsillier Lawrence Attard ċeda postu lis-Sur Boxall sabiex ikompli jippresiedi l-laqgha fejn is-Sur John Boxall, filwaqt li rringrazzja lil Kunsilliera qal li l-għan tiegħu huwa li jżomm l-Kunsill

maqgħud u li hu għandu agenda waħda, li l-Birgu jkun l-ewwel u qabel kollox. Is-Sur Boxall, Sindku, awgura lil Kunsilliera ghax-xoghol ghal din il-legislatura

## 2. Hatra ta' Vici Sindku.

Is-Sur John Boxall, Sindku, talab lis-Sur Trevor Mizzi, Kunsillier, jekk hu ma jaċċettax l-kariga ta' Vici Sindku peress li s-sur Mizzi fl-elezzjoni tal-Kunsilli Lokali ta' l-10 ta' Marzu 2012 kien kiseb l-għola għadd ta' voti wara s-Sindku. Is-Sur Trevor Mizzi aċċetta l-kariga ta' Viċi Sindku tal-Kunsill Lokali tal-Birgu u qara l-ittra ta' l-aċċettazzjoni.

## 3. Aggornament.

Is-Sindku talab lil Kunsilliera prezenti sabiex il-laqgha tal-Kunsill li jmiss issir nhar l-Erbgha 11 t'April, 2012 fi 6:30 ta' filghaxija. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Il-Laqgha ntemmet fis-6:15 ta' filghaxija u giet aggornata ghal nhar l-Erbgha 11 t'April, 2012 fi 6:30 ta' filghaxija.

| | | |
|---|---|---|
| Christine Bonello | ikkonfermati | John Boxall |
| Segretarja Ezekuttiva | | Sindku |